MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) KOMPETENZA INFERJURI

## MAGISTRAT DR. ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tad-19 ta' Settembru, 2003

Avviz Numru. 128/1998/1

**Il-Qorti;**

Rat l-avviz ta’ l-attur fejn talab illi l-konvenut jigi kkundannat li jhallas id-danni sofferti mill-attur, bhala rizultat ta’ l-incident stradali awtomobilistiku li gara nhar id-disgha (9) ta’ Frar tas-sena elf disa’ mija u tmienja u disghin (1998) fi Triq il-Madonna tar-Ruzarju, San Lawrenz, Ghawdex, meta l-konvenut filwaqt li kien qed isuq il-vettura Mitsubishi numru EBA 756, b’negligenza, imperizja u b’nuqqas ta’ tharis ta’ regolamenti tat-traffiku investa l-vettura misjuqa mill-attur Land Rover Numru HAO-357 u kkagunalu hsara konsiderevoli.

Ghall-fini ta’ kompetenza jigi dikjarat li l-ammont ta’ danni pretiz ma jeccedix il-hames mitt lira Maltin (Lm500).

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn eccepixxa:

1. illi d-domandi attrici huma nfondati fid-dritt u fil-fatt stante illi l-incident mertu tal-kawza gara unikament u esklussivament tort ta' l-attur innifsu, dan minhabba imperizja, traskuragni u non osservanza tar-regolamenti tat-traffiku. Barra minn hekk fil-hin ta' l-incident l-attur kien qed isuq taht l-influwenza ta' l-alkohol.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

Ezaminat ix-xhieda;

Zammet access fil-31 ta' Jannar 2003;

Rat il-verbal taghha ta' dak l-istess jum fejn halliet il-kawza ghas-sentenza bil-fakolta' lill-partijiet li jaghmlu nota ta' osservazzjonijiet;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha wkoll in-nota ta' osservazzjonijiet tal-attur;

Ikkunsidrat:

Illi l-mertu ta' din il-kawza gie tratta u deciz illum stess fil-kawza fl-ismijeit "Saviour Axiaq vs John Attard" Aviz numru 112/1998.

Illi din il-kawza tittratta l-istess kollizzjoni.

Il-Qorti;

Tadotta fl-intier il-konkluzzjonijiet taghah raggunti fil-kawza fuq imsemmija u billi sabet r-responsabbilita' tal-kollizzjoni hija interament tal-kovnentu.

Tichad it-talbiet tieghu bl-ispejjez kollha kontra tieghu.

(ft.) A. Micallef Trigona
Magistrat

(ft.) Maureen Xuereb
D/Registratur

Vera kopja

Ghar-Registratur

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------